MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 119/2010

**Melita Power Services Limited**
**(C 41892)**

**vs**

**V G Shutter and Concrete Works Limited**
**(C 21877)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fid-9 ta' April 2010 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u disgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€10,379.47) rappresentanti diversi xoghlijiet u fatturi relatati mahruga bejn 16 ta' Dicembru 2008 u 30 ta' Marzu 2009, kif ahjar deskritt fl-avviz, relatati ma forniment ta' materjal fuq inkarigu tas-socjeta intimata.

Rat l-eccezzjonijiet ippresnetati fit 28 ta' Gunju 2011 fejn is-socjeta intimata laqghet ghal dak mitlub billi sahqet illi l-ammont rikjest ma kienx dovut peress illi kien hemm ftehim li l-hlas kellu jsir permezz ta' xoghlijiet mis-socjeta konvenuta, liema xoghljilet attwalment saru u fadal bilanc a favur tas-socjeta intimata ta' mitejn Euro (€200). Sahqet ukoll illi s-socjeta rikorrenti ma kellhiex dritt  titlob il-flejjes meritu tal-kawza odjerna filwaqt illi insistiet illi s-socjeta rikorrenti kellha tipprova l-pretensjoni taghha.

Rat ix-xhieda ta' **Pierre Balzan** moghtija fl-1 ta' Marzu 2011.

Rat illi fl-1 ta' Marzu 2011 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Gauci** moghtija fit 8 ta' Frar 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **David Xuereb**, rappresentant tal-HSBC Malta plc moghtija fit 18 ta' Mejju 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Sandro Grima**, li kien direttur tas-socjeta rikorrenti sa' Ottubru 2011, moghtija fid 9 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Gauci** moghtija fis 17 ta' Mejju 2013 u fil 21 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fid 29 ta' Novembru 2013, kellu jixhed ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Pierre Balzan, izda ma deherx.

Rat illi fit 30 ta' Mejju 2014, ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Pierre Balzan, ippresenta affidavit.

Rat illi fit 29 ta' Settembru 2014, wara zewgt differiment sabiex isir il-kontro ezami ta' Pierre Balzan, dana baqa' ma sarx, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fis 6 ta' Novembru 2014.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ippresentata fid 19 ta' Jannar 2015.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda materjal u xoghlijiet illi s-socjeta rikorrenti ipprovdiet lis-socjeta intimata li fl-import totali tieghu jammonta ghal ghaxart elef, tlett mija u disgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€10,379.47).

Jidher illli s-socjeta intimata ma hijiex qieghda tikkontesta l-ammont tax-xoghol illi qieghed jintalab, izda qieghda tikkontentesta illi dana il-kont gie pacjut b'kont ta' xoghlijilet illi s-socjeta intimata kienet ghamlet lis-socjeta rikorrenti, minn liema kont, kif ghad fadal ammont pendenti favur is-socjeta intimata, u ghalhekk ebda somma ma kienet dovuta.

Is-socjeta intimata, madanakollu, ma ghamlet ebda kontro talba ghall bilanc minnha pretiz.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet tqabbdet taghmel xi xoghlijlet fid-dar privata ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta rikorrenti, Pierre Balzan, kif jidher f'dok VG1 a fol 47 tal-process, esebit mill-istess socjeta intimata.

Jirrizulta minn tali ftehim datat 27 ta' Novembru 2008, illi l-parti l-kbira ta' l-import tax-xoghlijilet illi kellha taghmel is-socjeta intimata thallas permezz ta' 'Mini excavator' illi kien gie mghoddi lis-socjeta intimata minn Pierre Balzan personalment.

Jirrizulta illi l-fatturi tax-xoghlijiet meritu tal-kawza odjerna inhargu wara illi ntalahaq tali ftehim, u dana inhargu bejn is-16 ta' Dicembru 2008 sat-30 ta' Marzu 2009, u ghalhekk ma huma imsemmija imkien fil-ftehim illi ghalih taghmel referenza s-socjeta intimata.

Jirrizulta, minn xhieda tar-rappresentant tal-HSBC Bank, illi meta s-socjeta rikorrenti harget il-kontijiet meritu tal-kawza odjerna, bi ftehim mas-socjeta intimata, huma t-tnejn marru ghand il-Bank tas-socjeta rikorrenti u infethet sistema maghrufa bhala 'Invoice Finance'.

Jirrizulta illi tali sistema ta' 'Invoice Finance' tipprovdi illi klijent tal-Bank, bhalma kienet is-socjeta rikorrenti, tghaddi lill-Bank l-invoices illi hija tkun harget lill klijent taghha, bhalma kien f'dan il-kaz is-socjeta intimata, u il-Bank jghaddi 85% tal-valur ta' l-invoice lis-socjeta rikorrenti. Il-Bank imbghad jigri wara lill min inhareg l-invoice, f'dan il-kaz is-socjeta intimata, sabiex l-invoices jithallsu u, meta eventwalment jithallas l-invoice, il-bilanc tal-15% jinghadda lill-klijent taghha, f'dan il-kaz is-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi, fil-kaz in ezami, bi ftehim mas-socjeta intimata, sar dana l-arrangament fil-21 ta' Jannar 2009, kif jidher fid-dokument esebit a fol 63 tal-process, u is-socjeta rikorrenti inghaddiet 85% ta' l-import ta' l-invoices filwaqt illi l-Bank beda jigri wara is-socjeta intimata ghall-hlasijiet.

Jirrizulta, madnakollu, illi s-socjeta intimata qatt ma hallset il-Bank l-import ta' ebda invoice u, meta il-Bank kellu suspett illi sar xi tip ta' ftehim ta' tpartit bejn il-partijiet, ikkancellat tali facilita' fit-8 ta' Ottubru 2009 u is-socjeta rikorrenti kellha tirrifondi l-ammont lilha gia mghoddija ai termini tal-facilita moghtija, kif fuq spjegat.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata, kif jidher a fol 48 tal-process, f'Invoice ta' l-istess socjeta illi ma ghandu ebda data, qieghda tinsisti li l-pagament illi hija kellha taghmel lis-socjeta rikorrenti, u li ghalhekk huwa ammess mill-istess socjeta intimata, kellu jitnaqqas mill-kont pendenti illi hija kellha ma' Pierre Balzan.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-kontijiet li s-socjeta intimata qieghda tishaq li kellhom jigu pacjuti mal-kontijiet taghha, huma lkoll kontijiet mahruga mis-socjeta rikorrenti u mhux minn Pierre Balzan, illi minghandu is-socjeta intimata kienet qieghda tippretendi hlas peress illi x-xoghlijielt saru fid-dar tieghu.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Sandro Grima, illi kien Direttur tas-socjeta rikorrenti meta kienu qed isiru x-xoghlijlet fil-propjeta ta' Pierre Balzan, illi filwaqt li kien minnu li s-socjeta intimata kienet qed taghmel xoghlijlet ghand Pierre Balzan, ma kienx minnu illi tali xoghlijlet kellhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti, kif qieghda tallega s-socjeta intimata, peress illi l-istess Grima, prodott mis-socjeta intimata a fol 73 ikkonferma illi ma kien hemm ebda arrangament ta' tpartit mas-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, mill-provi prodotti, ma gie muri ebda ness bejn is-socjeta rikorrenti u Pierre Balzan, ghalkemm l-istess Pierre Balzan jikkonferma illi huwa direttur tas-socjeta rikorrenti.

Ma tistax ma tinnutax ukoll illi, ghalkemm is-socjeta intimata tinsisti li kien hemm ftehim ta' tpartit bejn iz-zewgt partijiet, dana ma huwiex rifless mill-provi prodotti, partikolarment mill-fatt illi, bi ftehim bejn iz-zewgt partijiet, l-invoices meritu tal-kawza odjerna kienu inghaddew lill-Bank HSBC sabiex dawna eventwalment jithallsu mill-istess socjeta intimata, fatt illi qatt ma eventwlament sehh. Kieku verament kien hemm ftehim ta' tpartit, kif qed tallega s-socjeta intimata, certament l-istess socjeta intimata ma kienetx taccetta li thallas lill-Bank l-import ta' l-invoices meritu tal-kawza odjerna, izda kienet tinsisti li x-xoghlijlet jigu mhallsa bi tpacija.

Ghalhekk, l-argument li kien hemm tpartit bejn is-socjeta intimata u is-socjeta rikorrenti ma jirrizultax ippruvat mill-provi prodotti filwaqt illi l-import dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti u mitlub permezz tal-kawza odjerna gie debitament ippruvat u ammess mill-istess socjeta intimata mill-kont minnha redatt u fuq gia indikat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita.

Wara illi rat is-sottomissjonijet bil-miktuba ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezjonijiet kollha tas-socjeta intimata

**Tilqa** t-talbiet attrici u, ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u disgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€10,379.47) kif ahjar deskritti fl-avviz.

Spejjez kif mitluba fl-avviz u Imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------